# IL-ĦALLIEL TAL-MEJTIN

*(Ġrajja ta' żmien il-Gwerra l-Kbira)*

"Hemm arah," għajjat b'leħen maħnuq is-Surġent.

Malli qal hekk wera b'sebgħu l-werrej lil wieħed kapural li, fil-leħħ tad-dawl tal-kanuni, kien jidher mixħut fuq mejjet qiegħed ifittixlu fi bwietu.

"Iskot," wieġbu l-Kaptan, "la tgħollix leħnek... Naraw sewwa minn hu."

It-taqbida kienet fl-eqqel tagħha u l-balal kienu jintefgħu sfiq u b'ħeffa l-aktar kbira Għajjât, twerżiq, tnehid, dmija. Żgħażagħ, fir-rebbiegħa ta' ħajjithom, maħsudin, ħabta u sabta minn dina l-art.

"Għaraftu," qal is-Surġent lill-Kaptan tiegħu li kienu qegħdin ġe' fondoq jiflu lil dawk it-tnejn min-nies: lill-mejjet u lil dak li beda jfittixlu. " Għaraftu ! Dak hu l-Kapural S..."

U malli semma dana l-isem, il-Kapural stabat minn tulu fl-art, jokrob, b'ittra f'idu, milqut minn balla tal-għadu.

Il-Kaptan u s-Surġent telgħu minnufih ħdejh. Il-mejjet ġie magħruf malajr minnhom: kien il-Fizzjal B.

"Int, il-qalbieni Kapural S.... li għandek sidrek imżejjen b'dawk il-midalji, tisraq lill-mejtin sħabek !" ċanfru l-Kaptan waqt li amar li jiġi meħud biex jiddewwa.

"Kaptan..." temtem il-midrub, xħin donnu ried jistqarr xi ħaġa li weħlitlu fi griżmejh.

It-tabib ma tahx aktar minn nofs siegħa ħajja. Id-demm kien ħiereġ minn għonqu bħal gelgul.

"Kaptan, nixtieq inkellmek rasi u rasek," talab il-Kapural wara li ġie mdewwi.

B'xejra ta' rasu, il-Kaptan ġiegħel lil ta' madwaru biex iwarrbu.

"Kaptan, jien ftit baqagħli ħajja,.. naħliflek li sejjer nistqarrlek is-sewwa. Il-Fizzjal B..., li inti qbadtni nfittex fi ħwejġu, kien iħobb lil dik li kont inħobb jien. Il-bieraħ waslitlu ittra li jiena ħsibt li kienet mibgħuta lilu minn...

Ma felaħx jissokta. Sidru beda tiela' u nieżel bħal minfaħ. Il-Kaptan wieżnu minn taħt kitfejh u qegħdlu rasu fil-għoli.

"Mita rajt lill-Fizzjal B..., mejjet, fraħt u nxħett fuqu biex nara jekk dik l-ittra kinetx għandu.... u sibtha.... iżda fil-ħin kont midrub.

Il-Kapural S.... ħareġ l-ittra, taha lill-Kaptan u, miklub mill-kurżità u l-għira, talbu jaqrahielu.

"Id-dawl qed iħallini... m'jiniex nara ħlief ċpar... Kaptan, nitolbok, għidli ta' min hi dik l-ittra."

Wara li fela b'għajnejh kulma kien hemm miktub, il-Kaptan wieġbu:

"Din l-ittra hija miktuba minn idejn omm il-Fizzjal B.... li talbet l-aħbarijiet tiegħu..."

"Tassew?!" staqsa b'għajnejh ileqqu bil-ferħ u b'nifsu maqtugħ. "Tassew?"

"Oqgħod fuq kelmti."

U wara li ċaqlaq xofftejh għal tbissima, il-Kapural telaq rasu bis-sabta, ħa nifs twil u miet.

Il-Kaptan ma kienx qal is-sewwa; huwa deherlu li ma kellux iweġġa' qalb bniedem li kien wasal fi tmiem ħajtu: dik l-Ittra kienet miktuba lill-Fizzjal B.... mix-xbejba li kien iħobb il-Kapural S... u li miegħu kienet intrabtet qabel ma telaq għat-taqbid.

N. BIANCARDI